Segretarjat għall-Edukazzjoni Nisranija
16, Il-Mall, Furjana FRN 1472
Num. ta' Tel. 27790060
Num. Tal-Fax 27790078

Secretariat for Catholic Education,
16, The Mall, Floriana FRN 1472
Tel. No. 27790060
Fax No. 27790078

# L-Erbgħa tal-Irmied (Ras ir-Randan)
# (Quddiesa għall-komunità edukattiva)

## Qari I
***Ċarrtu qalbkom, u mhux ilbieskom***
Ġoel 2, 12-18

**Qari mill-Ktieb tal-Profeta Ġoel**

Dan jgħid il-Mulej:
"Erġgħu duru lejja bi qlubkom kollha,
bis-sawm, bil-biki u bl-ilfiq.
Ċarrtu qalbkom, u mhux ilbieskom,
u erġgħu duru lejn il-Mulej, Alla tagħkom,
għax hu twajjeb u ħanin,
tqil biex jinkorla, u kollu tjieba;
u jisgħobbih għall-ħażen".

**Il-Kelma tal-Mulej** R/ Inroddu ħajr lil Alla

## Salm Responsorjali
Salm 50 (51), 3-4.5-6a.12-13.14 u 17

R/. (ara 3a): O Alla, ħenn għalina għax dnibna!

Ikollok ħniena minni, o Alla, fi tjubitek;
fil-kobor tal-ħniena tiegħek ħassar ħtijieti.
Aħsilni kollni mill-ħtija tiegħi;
naddafni mid-dnub tiegħi. R/.

Għax jien nagħrafhom ħtijieti;
id-dnub tiegħi dejjem quddiemi.
Kontrik biss jiena dnibt,
u dak li hu ħażin f'għajnejk għamilt. R/.

Segretarjat għall-Edukazzjoni Nisranija
16, Il-Mall, Furjana FRN 1472
Num. ta' Tel. 27790060
Num. Tal-Fax 27790078

Secretariat for Catholic Education,
16, The Mall, Floriana FRN 1472
Tel. No. 27790060
Fax No. 27790078

Oħloq fija qalb safja, o Alla,
u spirtu qawwi ġedded fija.
La twarrabnix minn quddiemek;
tneħħix minni l-ispirtu qaddis tiegħek. R/.

Roddli l-hena tas-salvazzjoni tiegħek,
u bi spirtu qalbieni wettaqni.
Iftaħli xufftejja, Sidi,
u fommi jxandar it-tifħir tiegħek. R/.

## QARI II

***Ħallu lil Alla jħabbibkom miegħu. Araw, issa hu ż-żmien tajjeb.***

2 Kor 5, 20 – 6, 2

**Qari mit-Tieni Ittra ta' San Pawl Apostlu lill-Korintin**

Ħuti, aħna nagħmluha ta' ambaxxaturi ta' Kristu bħallikieku Alla stess qiegħed isejjaħ permezz tagħna. Nitolbu fuq li nitolbu f'ġieħ Kristu: Ħallu lil Alla jħabbibkom miegħu.

**Il-Kelma tal-Mulej**. R/Inroddu ħajr lil Alla

## AKKLAMAZZJONI QABEL L-EVANĠELJU

ara Salm 94 (95), 8ab

Glorja u tifħir lilek, Kristu!
Illum la twebbsux qalbkom
iżda isimgħu leħen il-Mulej!
R/. Glorja u tifħir lilek, Kristu!

Segretarjat għall-Edukazzjoni Nisranija
16, Il-Mall, Furjana FRN 1472
Num. ta' Tel. 27790060
Num. Tal-Fax 27790078

Secretariat for Catholic Education,
16, The Mall, Floriana FRN 1472
Tel. No. 27790060
Fax No. 27790078

**EVANĠELJU**
***Missierek, li jara dak li hu moħbi, iroddlok hu.***
Mt 6, 1-6.16-18

**Qari mill-Evanġelju skont San Mattew**

F'dak iż-żmien, Ġesù qal lid-dixxipli tiegħu: "Qisu li l-għemil tajjeb tagħkom ma tagħmluhx għal wiċċ in-nies biex tidhru quddiemhom, għax inkella ma jkollkomx ħlas mingħand Missierkom li hu fis-smewwiet.

Mela meta tagħmel karità, tmurx iddoqq it-trombi quddiemek, kif jagħmlu dawk ta' wiċċ b'ieħor fis-sinagogi u fit-triqat, biex in-nies tfaħħarhom. Tassew, ngħidilkom, li l-ħlas tagħhom ġa ħaduh. Iżda int, meta tagħmel karità, idek ix-xellugija m'għandhiex tkun taf x'inhi tagħmel il-leminija, biex hekk il-karità tiegħek issir fil-moħbi, u Missierek, li jara dak li hu moħbi, iroddlok hu.

U meta titolbu, tkunux bħal dawk ta' wiċċ b'ieħor, għax dawk iħobbu joqogħdu jitolbu bilwieqfa fis-sinagogi u f'salib it-toroq, biex jidhru quddiem in-nies. Tassew, ngħidilkom, li l-ħlas tagħhom ġa ħaduh. Iżda int, meta titlob, idħol fil-kamra tiegħek ta' ġewwa, agħlaq il-bieb warajk, u itlob lil Missierek li hu fil-moħbi; u Missierek, li jara dak li hu fil-moħbi, iroddlok hu.

Meta ssumu, tqarrsux wiċċkom, bħalma jagħmlu dawk ta' wiċċ b'ieħor, għax dawn ikerrhu wiċċhom biex quddiem in-nies jidhru li huma sajmin. Tassew, ngħidilkom, li l-ħlas tagħhom ġa ħaduh. Iżda int, meta tkun sajjem, idlek xagħrek u aħsel wiċċek, biex mhux quddiem in-nies tidher li tkun sajjem, imma quddiem Missierek li hu fil-moħbi; u Missierek, li jara dak li hu fil-moħbi, iroddlok hu".

**Il-Kelma tal-Mulej**
R/. Tifħir lilek Kristu

**Talb tal-Ġemgħa** (*Tajjeb li dan it-talb, joħroġ spontanju/ jew jippreparawh l-istudenti huma nfushom...hekk ikunu qed jipparteċipaw bi sħiħ u mill-qalb)*

Segretarjat għall-Edukazzjoni Nisranija
16, Il-Mall, Furjana FRN 1472
Num. ta' Tel. 27790060
Num. Tal-Fax 27790078

Secretariat for Catholic Education,
16, The Mall, Floriana FRN 1472
Tel. No. 27790060
Fax No. 27790078

# Tagħrif dwar ir-Randan u c-ċerimonja ta' Ras ir-Randan

## Ras Ir-Randan: Ċerimonja simbolika

Għaliex issir f'Ras ir-Randan? Għaliex b'din iċ-ċerimonja hekk simbolika jibda r-Randan: li huwa 40 jum ta' sawm, karità u talb. (propjament huwa 46 ġurnata imma fil-ġurnata tal-Ħadd ma nsumux- għaliex huwa l-jum li fih Qam Ġesù Kristu mill-mewt)

**Tifsira tal-Irmied:**

1. Id-<u>dispjaċir tagħna talli noffendu lil Alla</u>, għalhekk matul dan iż-żmien tar-Randan nagħmlu ħilitna sabiex nikkoreġu, nirranġaw dawk l-affarijiet li nixtiequ aħjar speċjalment f'dawk l-affarijiet li jistgħu joffendu lil Alla u lill- ħutna l-bnedmin.

2. Biex iffakakrna li <u>xi darba rridu mmutu u lkoll insiru trab-irmied</u>. Dan ifakkarna li: kemm jista' jkun, dejjem nippruvaw nagħmlu t-tajjeb; li dak kollu li għandna hu rigal mill-Mulej, għalhekk m'għandnix għalxiex niftaħħru żżejjed u/jew naraw lil ħaddieħor dubbien, anzi għandna nirringrazzjaw lill-Mulej ta' kollox.

**Kif isir l-irmied:** Ġeneralment isir billi jinħarqu friegħi taż-żebbuġ jew tal-palm li jkun intuża f'Ħadd il-Palm tas-sena ta' qabel.

**Min jagħmel din iċ-ċerimonja tal-Irmied?** Il-Kristjani kollha. L-Ortodossi ma jibdewx ir-Randan fil-ġurnata tal-Erbgħa bħalna, imma fil-ġurnata tat-Tnejn għalhekk isejħulha: Clean Monday.

**Storja:** Ir-randan- il-parattika tas-sawm, talb u karita ilhom minn żmien l-appostli, imma bħala storja nafu li r-Randan ġie fformalizzat fil-Konċilju(laqgħa kbira tal-Isqifiet ta' madwar id-dinja kollha flimkien mal-Papa) fil-Konċilju ta' Niċea fis-sena 325 W.K (Wara Kristu)

**Tliet pillastri tar-Randan:**

<u>Sawm</u>: Li nagħmlu sagrifiċċju li għandu x'jaqsam ma x'nieklu u meta (ħin) nieklu.
<u>Talb</u>: Li niftħu qalbna u widnejna għall-Mulej.
<u>Karità</u>: Aktar imħabba sinċiera fil-kliem, fil-ħsieb u fl-għemil.

Segretarjat għall-Edukazzjoni Nisranija
16, Il-Mall, Furjana FRN 1472
Num. ta' Tel. 27790060
Num. Tal-Fax 27790078

Secretariat for Catholic Education,
16, The Mall, Floriana FRN 1472
Tel. No. 27790060
Fax No. 27790078

**Għajnuna fit-tifsira tal-qari (suġġerimenti, ħossukom liberi li tużawhom)**

**L-ewwel qari.** **Ftit Ideat**

Il-profeta Ġoel

Il-kelma **profeta** tfisser, wieħed li jistudja sew dak li jkun għaddej fil-pajjiż, f'dik il-kultura, u wara li jkun talab sew lill-Mulej, jagħti parir lin-nies tal-madwar sabiex – fejn hemm bżonn jirranġaw il-ħajja tagħhom sabiex ma joffendux la lil Alla u lanqas lill-bnedmin. Il-profeti ma humiex sħaħar jew magicians

**Ġoe**l huwa wieħed mit-tnax il-profeti żgħar. Il-qofol tal-messaġġ ta' dan il-profeta huwa li s-salvazzjoni għall-poplu ta' Iżrael tasal biss jekk huma jersqu aktar lejn il-Mulej u jagħmlu dak li l-Mulej irid minnhom.
Għalhekk fuq kollox il-profeta jgħidilna bidlu qalbkom jiġifieri irranġaw il-fehma tagħkom, l-imġiba tagħkom, ħobbu aktar fil-verità mhux minn barra biss, fuq kollox ersqu aktar lejn il-Mulej.

**It-Tieni qari**

San Pawl jgħidilna sabiex inħallu lil Alla jħobbna. Ħafna drabi, minħabba l-kliem, l-imġiba, il-ħsebijiet li mhux dejjem ikunu tajbin speċjalment fuq l-oħrajn, aħna ma nkunux qed inħallu l-vuċi tal-Mulej tasal għandna fil-qalb tagħna, fil-moħħ tagħna. Donnu għandna spazju għal ħafna affarijiet imma għall-Mulej m'għandix. Dan l-ispazju nistgħu nagħmluh billi kuljum inħallu ħin biex nitolbu- nitkellmu mal-Mulej u nisimgħuH, u billi naqraw il-Bibbja speċjalment l-Evanġelju u naħsbu (nirriflettu) fuq dak li nkunu qrajna.

Fl-**Evanġelju** San Mattew jurina t-tagħlim ta' Ġesù dwar dak li hu l-aktar essenzjali:

1. Dak li nagħmlu ma nagħmluhx għal wiċċ in-nies,
2. Ma niftaħrux b'dak li nagħmlu,
3. Nagħmlu karità – ma' kulħadd: inklussivita/ospitalita, ħniena,
4. Insumu (jekk aħna żgħar minħabba l-età nistgħu nagħmlu sagrifiċċji żgħar oħra),
5. Nitolbu: nitkellmu ma' Ġesù , nifthu qalbna miegħU, nirringrazzjawh ta' kollox, nitolbu għalina nfusna u għall-oħrajn.
6. Kapaċi nitolbu maħfra lill-oħrajn, lil Alla u nkunu kapaċi naħfru lilna nfusna.

Segretarjat għall-Edukazzjoni Nisranija
16, Il-Mall, Furjana FRN 1472
Num. ta' Tel. 27790060
Num. Tal-Fax 27790078

Secretariat for Catholic Education,
16, The Mall, Floriana FRN 1472
Tel. No. 27790060
Fax No. 27790078

## Mixja mar-Randan sal-Għid il-Kbir

| Dati importanti matul dan ir-Randan | Tifsiriet | Dati 2022 |
|---|---|---|
| Ras ir-Randan | Bidu tar-Randan, jum ta' riflessjoni u sawm | 2 ta' Marzu 2022 |
| Ħadd il-Palm | Niċċelebraw id-daħla ta Ġesù f'Ġerusalemm | 10 t'April, 2022 |
| Il-Ġimgħa Mqaddsa | Il-ġimgħa li twassal sa jum l-Għid il-Kbir | 10 t'April -16 t'April 2022 |
| Ħamis ix-Xirka (Xirka – grupp ta' nies li jafu sew lil xulxin) | Niftakru meta Ġesù ħasel riġlejn l-appostli, waqqaf is-Sagrament tal-Ewkaristija u s-Sagrament tal-Ordni Sagri (saċerdozzju) | 14 t'April , 2022 |
| Il-Ġimgħa l-Kbira | Meta Ġesù ġie msallab għalina sabiex jifdina, fuq il-għolja tal-Kalvarju | 15 t'April 2022 |
| L-Għid il-Kbir | Niċċelebraw il-qawmien mill-mewt ta' Ġesù Kristu. L-Għid il-Kbir hija l-akbar festa għal Insara (dawk li jemmnu f'Ġesù Kristu) | 17 t' April, 2022 |